

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

6.7.2009

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: **IL-KOMITOLOĠJA**

Introduzzjoni X'inhi l-Komitoloġija?

Bħas-sistemi leġiżlattivi nazzjonali, l-istituzzjonijiet Ewropej żviluppaw sistema għall-implimentazzjoni tal-miżuri, minħabba li l-leġiżlatur ma jistax jiddeċiedi fuq kollox fl-atti bażiċi leġiżlattivi. Il-Kummissjoni, bħala eżekuttiv tal-UE, hija responsabbli mill-adozzjoni ta' tali miżuri ta' implimentazzjoni (ara l-Artikolu 202 TKE). Din il-ħidma hija ddelegata lill-kumitati speċjalizzati fi ħdan il-Kummissjoni, li fihom id-delegati esperti mill-ministeri tal-Istati Membri jiltaqgħu fuq bażi regolari. Minħabba din is-sistema ta' kumitati, il-proċeduri għad-deċiżjonijiet dwar miżuri ta' implimentazzjoni normalment huma magħrufa bħala "Komitoloġija".

Kull att bażiku leġiżlattiv jiddefinixxi d-delegazzjoni tal-poteri (speċifiċi) għall-miżuri ta' implimentazzjoni għall-kumitat speċifiku wieħed (jew diversi), permezz tal-użu ta' wieħed jew diversi mill-proċeduri speċifiċi stabbiliti fid-"deċiżjoni tal-Komitoloġija".¹

Il-proċeduri

Id-deċiżjoni tal-Komitoloġija tal-1999 tipprevedi tliet proċeduri (proċedura konsultattiva, proċedura ta' ġestjoni u proċedura regolatorja).

¹ Deċiżjoni 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċitu tal-implimentazzjoni tal-poteri mogħtija lill-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7. 1999; verżjoni kkonsolidata fil-ĠU 255, 21.10.2006, p. 4)

- **Il-proċedura konsultattiva** tħalli d-deċiżjoni fidejn il-Kummissjoni (li tikkunsidra l-opinjoni tal-kumitat)
- **Fil-proċedura ta' ġestjoni**, il-Kunsill jista' jieħu deċiżjoni differenti, jekk il-kumitat jadotta opinjoni negattiva. Il-Kunsill madankollu ma jistax jirrifjuta l-miżura li tkun ġiet proposta mill-Kummissjoni. Il-proċedura ta' ġestjoni hija użata l-aktar għall-implimentazzjoni ta' miżuri tal-Politika Agrikola Komuni.
- **Il-proċedura regolatorja** hija aktar limitata għall-Kummissjoni. Jekk il-kumitat ma japprovax l-abbozz ta' miżura, il-Kunsill jista' jirrifjuta (b'maġġoranza kkwalifikata).

Il-Parlament talab ripetutament għal titjib fid-drittijiet ta' kontroll fir-rigward tal-atti tal-komitoloġija, li huma bbażati fuq leġislazzjoni adottata skont il-**proċedura tal-kodeċiżjoni**. Fl-2006, **il-proċedura regolatorja bi skrutinju (RPS)** il-ġdida ġiet introdotta (Artikolu 5a tad-Deċiżjoni tal-Komitoloġija).

L-RPS għandha tiġi applikata għal miżuri "bi skop ġenerali" li temenda "elementi mhux essenzjali" tal-att bażi legali¹ (li ġie adottat fil-poċedura tal-kodeċiżjoni).

Skont il-proċedura RPS, il-Parlament Ewropew, li jaġixxi permezz tal-maġġoranza tal-membri tiegħu, għandu d-dritt tal-veto fid-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni jekk ma jaqbilx mal-kontenut tal-miżura (ara wkoll Regola 88).

Fil-prattika l-Komitoloġija xi tfisser?

Il-Kummissjoni b'mod regolari tibgħat l-abbozzi kollha għall-miżuri tal-Komitoloġija kif ukoll informazzjoni marbuta magħhom lill-Parlament Ewropew. Id-DĠ Presidenza titrasferixxi l-informazzjoni lill-kumitat responsabbli għall-att bażi legali (u għall-kumitati li jagħtu opinjoni). Is-segretarjat tal-kumitat jitrasferixxi l-informazzjoni lill-membri u lill-amministraturi tal-grupp politiku.

Għall-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, sal-lum il-ġurnata l-maġġoranza tal-miżuri tal-Komitoloġija jikkonċernaw proċeduri ta' ġestjoni li jiġu mibgħuta biss lill-PE "Għall-informazzjoni".

Diversi miżuri (ta' spiss fir-rigward tal-leġislazzjoni tas-sikurezza tal-ikel) jinvokaw "id-Dritt ta' Skrutinju" tal-PE skont il-proċedura regolatorja. Skont l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, il-Parlament Ewropew jista' jadotta (**sa żmien xahar**) riżoluzzjoni li tiddikjara li huwa jemmen li tali miżuri **jeċċedu l-poteri tal-implimentazzjoni** ddelegati lill-Kummissjoni fl-istrument bażiku. Jekk il-Kumitat għall-Agrikoltura huwa responsabbli, is-segretarjat tiegħu jiffissa data ta' skadenza biex tiġi proposta tali oġġezzjoni għall-miżura.

Il-Miżuri li jagħmlu parti mill-proċedura regolatorja bi skrutinju (RPS) il-ġdida jipprovdu drittijiet ta' kontroll effettiv (u responsabilitajiet) lill-Parlament Ewropew. Jekk il-maġġoranza tal-Membri jadottaw riżoluzzjoni li toġġezzjona l-abbozz ta' miżura, dan tal-aħħar ma għandux jiġi adottat mill-Kummissjoni, il-Membri mbagħad ikunu jistgħu jissottomettu abbozz ta' amenda jew jippreżentaw proposta leġislattiva.

¹ Ara l-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE kif emendata permezz tad-Deċiżjoni 2006/512/KE

B'mod ġenerali, il-Parlament Ewropew għandu perjodu ta' **tliet snin** sabiex jopponi l-abbozz ta' miżura. Il-leġislazzjoni bażika, tista' f'każijiet eċċezzjonali tkun sostanzjata kif xieraq, tipprevedi estenzjoni jew tqassir fil-limi taż-żmien. Meta tibgħat l-abbozz ta' miżura lill-Membri, is-Segretarjat jiffissa data ta' skadenza xierqa sabiex isiru r-reazzjonijiet, biex tkun tista' tiġi applikata l-proċedura msemmija fir-Regola 88 f'perjodu partikulari.

(Nota: Sa minn meta saret l-applikazzjoni għall-applikazzjoni tal-proċedura tal-RPS, il-PE adotta żewġ riżoluzzjonijiet formali li joġġezzjonaw l-abbozz ta' miżuri skont il-proċedura RPS¹)

Biex issir taf aktar:

L-Unità tal-Konċiljazzjonijiet u l-Kodeċizzjoni fid-DĠ IPOL ippublikat ktejjeb iddettaljat tal-Komitoloġija għall-Membri.

Referenzi:

- Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabilixxi l-proċeduri għall-eżerċitu tal-implimentazzjoni tal-poteri mogħtija lill-Kummissjoni 1999/468/KE (Verżjoni Kkonsolidata)
- Ftehim bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar proċeduri għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE li jistabilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tal-implimentazzjoni tal-poteri mogħtija lill-Kummissjoni, hekk kif ġew emendati permezz tad-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU C143, 10.6.2008, p.1)
- Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, Regola 88

Fit-Trattat ta' Liżbona, hemm dispożizzjoni li jirregolaw b'mod espliċitu l-modalitajiet tal-hekk imsejħa atti ddelegati, li jibdlu jew jissupplimentaw leġislazzjoni mhux essenzjali (li tibdel ir-RPS). Madakollu, il-proċeduri eżistenti se jibqgħu fis-seħħ għal dawk il-miżuri li huma bbażati fuq leġislazzjoni eżistenti. Barra minn hekk, it-Trattat ta' Liżbona jipprevedi l-possibilità tat-trasferiment tal-poteri tal-implimentazzjoni lill-Kummissjoni permezz ta' regolament adottat fil-proċedura tal-kodeċizzjoni.

F'każ li jkollok aktar mistoqsijiet, ikkuntatja lis-Segretarjat AGRI jew lill-kollegi tal-Unità Kodeċizzjoni.

¹ Ir-Riżoluzzjoni tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-Ittikettar tas-settijiet tat-telewizjoni u r-Riżoluzzjoni tas-16 ta' Diċembru dwar dispożizzjonijiet tekniċi li jikkonċernaw il-ġestjoni tar-riskji.